MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta tat-23 ta' Frar, 2005

Numru 209/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pio J. Pisani)**

**vs.**

**Jeffrey Zammit**

**Illum 23 ta' Frar, 2005**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Jeffrey Zammit bin Maurice u Rita nee Diacono, imwieled il-Pieta` fid-19/02/1983 u joqghod Flat 4, Triq il-Biedja, Binja l-Isperanza, Ent "C", Mosta ID 128183(M) gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer u cioe fl-Ghassa tal-Mosta nhar il-21 ta' Settembru, 2003 ghall-habta tat-15.00pm:

1. ghamel ingurji u/jew theddid fuq il-persuna ta' PS455 Emanuel Sammut u ingurji fil-konfront ta' Pc313 Domenic Busuttil u Pc1511 Kevin Tabone persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kien ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz.

2. ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb kontra l-persuni fuq imsemmija li huma inkarigati minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jagixxu fl-ezekuzzjoni tal-ligi jew t'ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita` kompetenti.

3. ma' obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Ufficjali Pubblici fuq imsemmija jew ma' halliehomx jaghmlu d-dmirijiet taghhom jew b'xi mod iehor bla jedd indahal fi dmirijiethom billi ma halliehomx jaghmlu dak li b'ligi huma ordnati jew jistghu jaghmlu jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li huma ghamlu skond il-ligi.

4. volontarjament kiser il-bon-ordni w/jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u storbju.

5. qal fil-pubbliku kliem oxxen jew indecenti, jew ghamel atti jew gesti oxxeni jew b'xi mod iehor offenda l-morali, imgieba xierqa jew id-dicenza pubblika.

Il-Qorti giet mitluba li jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta tal-Ufficjali pubblici koncernati jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu that penali ta' somma flus li tigi iffissata mill-Qorti.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok PP2 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta ta' llum l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwezni tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Innutat li fis-Seduta ta' llum l-imputat iddikjara li qieghed jiskuza ruhu dwar l-akkadut fil-presenza ta' PS455 Emanuel Sammut u PC1511 Kevin Tabone.

Semghet sottomissjonijiet mill-partijiet dwar il-piena.

Rat l-artikoli 95, 96(a), 338 (ee), 338 (dd) u 338 (bb) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Jeffrey Zammit, fuq ammissjoni, hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u li fis-Seduta ta' llum l-imputat iddikjara li qieghed jiskuza ruhu dwar l-akkadut fil-presenza ta' PS455 Emanuel Sammut u PC1511 Kevin Tabone, in kwantu ghall-ewwel akkuza u ghat-tieni akkuza, wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Jeffrey Zammit ghall-piena komplessiva ta' sena prigunerija u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta' tlett (3) snin mil-lum l-imputat Jeffrey Zammit jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija u in kwantu ghat-tielet akkuza tikkundanna lill-imputat Jeffrey Zammit ghall-piena ta' hamsa u ghoxrin Liri Maltin (Lm25) ammenda, in kwantu ghar-raba' akkuza tikkundanna lill-imputat Jeffrey Zammit ghall-piena ta' hamsa u ghoxrin Liri Maltin (Lm25) ammenda u in kwantu ghall-hames akkuza tikkundanna lill-imputat Jeffrey Zammit ghall-piena ta' hamsa u ghoxrin Liri Maltin (Lm25) ammenda.

Inoltre l-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputat Jeffrey Zammit b'obbligazzjoni personali ta' Lm100 li bl-ebda mod ma jimmolesta lill-PS455 Emanuel Sammut, PC313 Dominic Busuttil u PC1511 Kevin Tabone u l-familjari taghhom ghal zmien sena mil-lum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Jeffrey Zammit l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A (4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------